II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 692/2012

tal-24 ta' Lulju 2012

li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 43/2012 u (UE) Nru 44/2012 fir-rigward tal-protezzjoni tal-manta ġiganta u ċerti opportunitajiet tas-sajd

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Permezz tar-Regolamenti tal-Kunsill (UE) Nru 43/2012 [1] u (UE) Nru 44/2012 [2], il-Kunsill iffissa għall-2012 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-UE u, għal bastimenti tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE.

(2) Fl-Għaxar Konferenza tal-Partijiet (COP10) tal-Konvenzjoni dwar Speċi Migratorji ta' Annimali Selvaġġi, li saret f'Bergen mill-20 sal-25 ta' Novembru 2011, il-manta ġiganta (*Manta birostris*) ġiet inkluża fil-listi ta' speċi protetti fl-Appendiċi I u II tal-Konvenzjoni. Għalhekk, huwa xieraq li tiġi prevista l-protezzjoni tal-manta ġiganta fir-rigward ta' bastimenti tal-UE li qed jistadu fl-ilmijiet kollha u, bastimenti mhux tal-Unjoni li qed jistadu fl-ilmijiet tal-UE.

(3) Il-possibbiltà li jitwettqu provi ta' kwoti ta' qbid dokumentati b'mod komplet għal diversi stokkijiet fiż-Żona VII tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) ġiet ippreżentata lill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku dwar is-Sajd (STECF) sabiex jiġi determinat l-impatt tal-kwoti ta' qbid fuq il-mortalità, ir-rimi u l-prattiki ta' sajd selettiv f'sajd imħallat. Il-provi għandhom jitwettqu fuq l-istokkijiet tal-barbun tat-tbajja', il-petriċi, il-lingwata (*Lepidorhombus*) u l-marlozz, li għalihom tkun disponibbli kwota addizzjonali ta' 1 %, u fuq l-istokk tal-haddock li għalih tkun disponibbli kwota addizzjonali ta' 5 %. Fit-tweġiba tiegħu għat-talba tal-Kummissjoni, l-STECF esprima appoġġ għal dawn il-provi u jqishom bħala pass importanti fl-iżvilupp ta' approċċ għall-ġestjoni tal-kwoti tal-qbid. L-STECF jinnota wkoll li tali provi jirriżultaw f'riskju baxx ħafna għaż-żieda tal-mortalità tas-sajd ġenerali fl-istokkijiet ikkonċernati. Għaldaqstant, huwa xieraq li l-entrati tat-TAC rilevanti jiġu modifikati sabiex dawn il-kwoti addizzjonali jkunu disponibbli għall-Istati Membri involuti fil-provi vvalutati.

(4) Fit-Tmien Laqgħa Annwali li saret mis-26 sat-30 ta' Marzu fi Guam (l-Istati Uniti tal-Amerika), il-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali (WCPFC) ħassret, b'effett immedjat, id-dispożizzjonijiet tagħha dwar żoni magħluqin għal sajd bil-purse seine ta' tonn b'għajnu kbira u tonna safra f'ċerti żoni tal-ibħra miftuħa. Dawn iż-żoni magħluqin ġew implimentati fil-liġi tal-Unjoni bl-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 44/2012, li għalhekk għandu jithassar.

(5) Ir-Renju Unit ipprovda informazzjoni dwar il-qabdiet ta' merluzz minn grupp ta' bastimenti li jistadu bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ fil-Baħar Irlandiż u li jimmiraw l-imriewaħ (*Aequipecten opercularis*). Abbażi ta' dik l-informazzjoni, kif ivvalutata mill-STECF, jista' jiġi stabbilit li l-qabdiet tal-merluzz, inkluż ir-rimi, minn bastimenti involuti f'dik l-attività, ma jaqbżux il-1,5 % tal-qabdiet totali ta' dak il-grupp ta' bastimenti. Barra minn hekk, b'kont meħud tal-miżuri attwali li jiżguraw il-monitoraġġ u l-kontroll tal-attivitajiet tas-sajd ta' dak il-grupp ta' bastimenti involuti f'dik l-attività u b'konsiderazzjoni tal-fatt li l-inklużjoni ta' dak il-grupp jikkostitwixxi piż amministrattiv sproporzjonat mal-impatt ġenerali tiegħu fuq l-istokkijiet tal-merluzz, huwa xieraq li dak il-grupp ta' bastimenti li jistadu bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ fil-Baħar Irlandiż u li jimmira l-imriewaħ, jiġi eskluż mill-applikazzjoni tar-reġim tal-isforz stabbilit fill-Kapitolu III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008 tat- 18 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi pjan għal perijodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet [3].

(6) It-TAC għall-merluzz fil-Kattegat għandha tkun ugwali għall-kwota tal-Unjoni. Iċ-ċifra rilevanti fir-Regolament (UE) Nru 43/2012 għandha tiġi korretta kif adatt.

[1] ĠU L 25, 27.1.2012, p. 1.
[2] ĠU L 25, 27.1.2012, p. 55.
[3] ĠU L 348, 24.12.2008, p. 20.

(7) Opportunitajiet tas-sajd addizzjonali saru disponibbli għall-Unjoni fl-2012 bħala riżultat tat-trasferimenti ta' kwoti bejn l-Unjoni u Partijiet Kontraenti oħra fl-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (NAFO). Konsegwentement, għas-sena 2012, l-Anness IC tar-Regolament (UE) Nru 44/2012 għandu jiġi emendat sabiex jirrifletti dawk l-opportunitajiet tas-sajd ġodda. Dawn il-modifiki jikkonċernaw is-sena 2012 u huma mingħajr preġudizzju għall-prinċipju ta' stabbiltà relattiva.

(8) L-Anness IIC tar-Regolament (UE) Nru 43/2012 jiffissa l-limiti tal-isforz tas-sajd fil-kuntest tal-ġestjoni tal-istokkijiet tal-lingwata fil-Fliegu tal-Punent fid-diviżjoni VIIe tal-ICES. Fuq talba mir-Renju Unit, il-Kummissjoni fittxet parir mill-STECF dwar jekk l-Anness IIC jistax jiġi emendat sabiex jiġi stabbilit perijodu ta' referenza kontinwa għall-eżenzjoni ta' tagħmir statiku fil-punt 1.2 ta' dak l-Anness, pjuttost milli s-sena ta' referenza fissa attwali. Fit-tweġiba tiegħu, l-STECF ikkunsidra li sena aktar reċenti jew perijodu ta' referenza kontinwa bbażat fuq diversi snin reċenti, ikun preferibbli u jqis li l-effetti ta' din il-bidla fuq l-ammont ta' sforz involut fis-sajd ikun negliġibbli.

(9) It-total tal-kwoti allokati lill-Istati Membri fit-TAC tal-marlozz abjad fiż-żona 3NO tan-NAFO jirriżulta fi kwota għall-Unjoni li hija tunnellata ogħla minn dik stabbilita mill-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti fil-kuntest tal-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd (RFMO). Il-kwota rilevanti allokata fir-Regolament (UE) Nru 44/2012 għandha tiġi emendata kif meħtieġ.

(10) Il-konsultazzjonijiet dwar l-opportunitajiet tas-sajd bejn l-Unjoni, l-Islanda u l-Gżejjer Faeroe ma rnexxielhomx jirriżultaw fi qbil għall-2012. B'riżultat ta' dan, l-opportunitajiet tas-sajd riżervati għal dawk il-konsultazzjonijiet issa jistgħu jiġu allokati lill-Istati Membri. Barra minn hekk, il-konsultazzjonijiet tal-Istati Kostali dwar il-ġestjoni tal-kavalli tal-Grigal tal-Atlantiku spiċċaw bla ebda konklużjoni f'Rejkjavik fis-17 ta' Frar 2012. Sussegwentement, skont l-arranġamenti bilaterali bejniethom, l-Unjoni u n-Norveġja ftiehmu li jiffissaw l-opportunitajiet tas-sajd tagħhom għall-kavalli rispettivament għall-2012. Għaldaqstant, l-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 44/2012 u t-TACs rilevanti fl-Annessi IA u IB għalih għandhom jiġu emendati sabiex jiġu distribwiti l-kwoti mhux allokati u tiġi riflessa l-allokazzjoni tradizzjonali tal-kavalli fil-Grigal tal-Atlantiku.

(11) Il-pariri mill- ICES u mill-STECF jitolbu tnaqqis sinifikanti tat-TAC għaċ-ċiċċirell fl-ilmijiet tal-UE tad-diviżjonijiet IIa u IIIa tal-ICES u taż-żona sekondarja IV tal-ICES. Barra minn dak il-parir, bejn in-Norveġja u l-Unjoni ġie miftiehem tnaqqis fit-trasferiment taċ-ċiċċirell lejn in-Norveġja matul konsultazzjonijiet konklużi fid-9 ta' Marzu 2012. Ir-Regolament (UE) Nru 44/2012 għandu jiġi emendat kif adatt.

(12) Matul it-Tielet Laqgħa Internazzjonali, li saret f'Mejju 2007, għall-ħolqien ta' Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd (RFMO) fl-ibħra miftuħa tan-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO), il-parteċipanti adottaw miżuri interim, inklużi opportunitajiet tas-sajd, sabiex jiġu rregolati l-attivitajiet tas-sajd pelaġiku kif ukoll tas-sajd tal-qiegħ f'dik iż-żona sakemm tiġi stabbilita t-tali RFMO. Dawk il-miżuri interim ġew riveduti fit-tieni Konferenza Preparatorja għall-Kummissjoni SPRFMO li saret f'Jannar 2011, u reġgħu ġew riveduti fit-tielet Konferenza Preparatorja għall-Kummissjoni SPRFMO li saret bejn it-30 ta' Jannar u t-3 ta' Frar 2012. Dawk il-miżuri interim huma volontarji u mhux legalment vinkolanti taħt il-liġi internazzjonali. Madankollu, huwa xieraq li skont l-obbligi ta' kooperazzjoni u konservazzjoni li jagħmlu parti mill-Liġi Internazzjonali tal-Baħar, dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni permezz tal-istabbiliment ta' kwota ġenerali għall-Unjoni u ta' allokazzjoni fost l-Istati Membri kkonċernati.

(13) Ir-Regolamenti (UE) Nru 43/2012 u (UE) Nru 44/2012 japplikaw, b'mod ġenerali mill-1 ta' Jannar 2012. Għalhekk, dan ir-Regolament għandu jibda japplika minn dik id-data. Tali applikazzjoni retroattiva ser tkun mingħajr preġudizzju għall-prinċipju taċ-ċertezza legali u l-protezzjoni ta' aspettattivi leġittimi peress li l-opportunitajiet tas-sajd ikkonċernati għadhom ma ġewx eżawriti. Madankollu, id-dispożizzjonijiet il-ġodda għall-manta ġiganta għandhom ikunu effettivi biss mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-modifika għall-Appendiċi rilevanti tal-Konvenzjoni dwar Speċijiet Migratorji ta' Annimali Selvaġġi, f'konformità mal-paragrafu 5 tal-Artikolu XI tagħha. Bl-istess mod, it-tħassir tal-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 44/2012 għandu japplika mill-31 ta' Marzu 2012, f'konformità mad-data speċifikata mid-WCPFC għad-dħul fis-seħħ tiegħu. Billi l-modifika ta' xi limiti ta' qbid taffettwa l-attivitajiet ekonomiċi u l-ippjanar tal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-UE, dan ir-Reglament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu.

(14) Meta r-Regolament (UE) Nru 44/2012 ġie adottat, l-għadd massimu ta' bastimenti tal-EU awtorizzati li jistadu għall-pixxispad u l-alonga fil-Kummissjoni għat-Tonn tal-Oċean Indjan (IOTC) ma kienx jinkludi 15-il bastiment tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Franza u rreġistrati f'La Réunion. It-TAC tal-Unjoni f'dak l-Anness għandu jiġi emendat kif adatt,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 43/2012

Ir-Regolament (UE) Nru 43/2012 huwa emendat kif ġej:

1. fl-Artikolu 12(1), jiżdied il-punt li ġej:

"(g) manta ġiganta (*Manta birostris*) fl-ilmijiet kollha.";

2. jiddaħħal Artikolu ġdid wara l-Artikolu 13:

"*Artikolu 13a*

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 754/2009

Fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 754/2009 għandu jiddaħħal il-punt li ġej:

'(i) il-grupp ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tar-Renju Unit identifikati fit-talba mir-Renju Unit bid-data tas-16 ta' Marzu 2012, li jipparteċipaw f'sajd li jimmira l-imriewaħ (*Aequipecten opercularis*) fil-Baħar Irlandiż (iż-żona VIIa tal-ICES) madwar l-Isle of Man, li jużaw tagħmir speċjalizzat ta' xbieki tat-tkarkir b'malja ta' 80-100 mm attrezzati biex jagħżlu l-qbid ta' ħut (lett 2 piedi baxx, brilji qosra jew mingħajr brilji u ftuħ tax-xibka żgħir).'.";

3. L-Anness I huwa emendat skont it-test li jidher fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 44/2012

Ir-Regolament (UE) Nru 44/2012 huwa emendat kif ġej:

1. fl-Artikolu 1, il-paragrafi 3 u 4 jitħassru;

2. fl-Artikolu 13(1), jiżdied il-punt li ġej:

"(g) manta ġiganta (*Manta birostris*) fl-ilmijiet kollha.";

3. L-Artikolu 32 jitħassar;

4. fl-Artikolu 37(1), jiżdied il-punt li ġej:

"(g) manta ġiganta (*Manta birostris*) fl-ilmijiet tal-UE.";

5. L-Annessi I, IA, IB, IC, IJ u VI jiġu emendanti skont it-test fl-Anness II għal dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament japplika mill-1 ta' Jannar 2012.

Permezz ta' deroga mit-tieni subparagrafu ta' dan l-Artikolu, l-Artikolu 1 il-punt (1), l-Artikolu 2 il-punti (2) u (4), l-Anness I il-punt (1) u l-Anness II il-punt (1) għandhom japplikaw mit-23 ta' Frar 2012 u l-Artikolu 2 il-punt (3) għandu japplika mill-31 ta' Marzu 2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Lulju 2012.

Għall-Kunsill

Il-President

A. D. MAVROYIANNIS

ANNESS I

PARTI A

L-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 43/2012 huwa emendat kif ġej:

1. Il-Parti A hija emendata kif ġej:

(a) l-entrata li ġejja tiddaħħal fl-ewwel tabella (tabella li tqabbel l-ismijiet bil-Latin mal-ismijiet komuni) wara l-entrata ta' *Mallotus villosus*:

"*Manta birostris*	RMB	Manta ġiganta";

(b) l-entrata li ġejja tiddaħħal fit-tieni tabella (tabella li tqabbel l-ismijiet komuni mal-ismijiet bil-Latin) wara l-entrata tal-barbun:

"Manta ġiganta	RMB	*Manta birostris*".

2. Fil-part B,

(a) l-entrata tal-merluzz fil-Kattegat tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:** Merluzz *Gadus morhua*		**Żona:** Kattegat (COD/03AS.)
Danimarka	82 (1)	
Ġermanja	2 (1)	
Svezja	49 (1)	
Unjoni	133 (1)	
TAC	133 (1)	TAC analitika

(1) Esklużivament għall-qabdiet inċidentali. Ma hu permess l-ebda sajd dirett.";

(b) l-entrata tal-lingwati (Lepidorhombus) fiż-żona VII tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:** Lingwati *Lepidorhombus* spp.		**Żona:** VII (LEZ/07.)
Belġju	470 (1)	
Spanja	5 216 (1)	
Franza	6 329 (1)	
Irlanda	2 878 (1)	
Renju Unit	2 492 (1)	
Unjoni	17 385	
TAC	17 385	TAC analitika Japplika l-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament.

(1) Minbarra din il-kwota, Stat Membru jista' jagħti allokazzjoni addizzjonali lill-bastimenti li jkunu qed jipparteċipaw fi provi dwar sajd iddokumentat b'mod komplet, f'limitu ġenerali ta' ammont addizzjonali ta' 1 % tal-kwota allokata lil dak l-Istat Membru, bil-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament.";

(c) l-entrata tal-petriċi fiż-żona VII tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Petriċi *Lophiidae*	**Żona:**	VII (ANF/07.)
Belġju	2 835 (1) (2)		
Ġermanja	316 (1) (2)		
Spanja	1 126 (1) (2)		
Franza	18 191 (1) (2)		
Irlanda	2 325 (1) (2)		
Pajjiżi l-Baxxi	367 (1) (2)		
Renju Unit	5 517 (1) (2)		
Unjoni	30 677 (1)		
TAC	30 677 (1)	TAC analitika Japplika l-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament.	

(1) Kondizzjoni speċjali: li minnhom sa 5 % jistgħu jinqabdu fiż-żoni VIIIa, VIIIb, VIIId u VIIIe (ANF/*8ABDE).
(2) Minbarra din il-kwota, Stat Membru jista' jagħti allokazzjoni addizzjonali lill-bastimenti li jkunu qed jipparteċipaw fi provi dwar sajd iddokumentat b'mod komplet, f'limitu ġenerali ta' ammont addizzjonali ta' 1 % tal-kwota allokata lil dak l-Istat Membru, bil-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament.";

(d) l-entrata tal-haddock fiż-żoni VIIb-k, VIII, IX u X; Ilmijiet tal-UE ta' CECAF 34.1.1 tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Haddock *Melanogrammus aeglefinus*	**Żona:**	VIIb-k, VIII, IX u X; ilmijiet tal-UE taż-żona CECAF 34.1.1 (HAD/7X7A34)
Belġju	185 (1)		
Franza	11 096 (1)		
Irlanda	3 699 (1)		
Renju Unit	1 665 (1)		
Unjoni	16 645		
TAC	16 645	TAC analitika Japplika l-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament.	

(1) Minbarra din il-kwota, Stat Membru jista' jagħti allokazzjoni addizzjonali lill-bastimenti li jkunu qed jipparteċipaw fi provi dwar sajd iddokumentat b'mod komplet, f'limitu ġenerali ta' ammont addizzjonali ta' 5 % tal-kwota allokata lil dak l-Istat Membru, bil-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament.";

(e) l-entrata tal-marlozz fiż-żoni VI u VII; fl-ilmijiet tal-UE u fl-ilmijiet internazzjonali taż-żona Vb; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni XII u XIV tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Marlozz *Merluccius merluccius*	**Żona:**	VI u VII; ilmijiet tal-UE u ilmijiet internazzjonali taż-żona Vb; ilmijiet internazzjonali taż-żoni XII u XIV (HKE/571214)
Belġju	284 (1) (3)		
Spanja	9 109 (3)		
Franza	14 067 (1) (3)		
Irlanda	1 704 (3)		
Pajjiżi l-Baxxi	183 (1) (3)		
Renju Unit	5 553 (1) (3)		
Unjoni	30 900		
TAC	30 900 (2)	TAC analitika Japplika l-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament.	

(1) Jistgħu jsiru trasferimenti ta' din il-kwota għall-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa u IV. Madankollu, trasferimenti bħal dawn għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni minn qabel.
(2) F'TAC ġenerali ta' 55 105 tunnellata għall-istokk tal-marlozz tat-Tramuntana.
(3) Minbarra din il-kwota, Stat Membru jista' jagħti allokazzjoni addizzjonali lill-bastimenti li jkunu qed jipparteċipaw fi provi dwar attivitajiet ta' sajd iddokumentati b'mod komplet, fi ħdan limitu ġenerali ta' ammont addizzjonali ta' 1 % tal-kwota allokata lil dak l-Istat Membru, bil-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament.

Kondizzjoni speċjali:

Fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, fiż-żoni li ġejjin ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet imniżżla hawn taħt:

	VIIIa, VIIIb, VIIId u VIIIe (HKE/*8ABDE)
Belġju	37
Spanja	1 469
Franza	1 469
Irlanda	184
Pajjiżi l-Baxxi	18
Renju Unit	827
Unjoni	4 004";

(f) l-entrata tal-barbun tat-tbajja' fiż-żoni VIId u VIIe tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Barbun tat-tbajja' *Pleuronectes platessa*	**Żona:**	VIId u VIIe (PLE/7DE.)
Belġju	828 (1)		
Franza	2 761 (1)		
Renju Unit	1 473 (1)		
Unjoni	5 062		
TAC	5 062	TAC analitika	

(1) Minbarra din il-kwota, Stat Membru jista' jagħti allokazzjoni addizzjonali lill-bastimenti li jkunu qed jipparteċipaw fi provi dwar attivitajiet ta' sajd iddokumentati b'mod komplet, f'limitu ġenerali ta' ammont addizzjonali ta' 1 % tal-kwota allokata lil dak l-Istat Membru, bil-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament.".

PARTI B

1. Fl-Appendiċi 1 tal-Anness IIA tar-Regolament (UE) Nru 43/2012, it-tabella (c), il-kolonna rigward ir-Renju Unit (UK) tinbidel b'dan li ġej:

"UK
339 592
1 086 399
0
0
111 693
5 970
158
70 614".

2. Fl-Anness IIC għar-Regolament (UE) Nru 43/2012, il-Punt 1.2 jinbidel b'dan li ġej:

"1.2 Bastimenti li jistadu bi xbieki statiċi b'daqs tal-malja ta' 120 mm jew akbar u li jkollhom rekords li juru qabdiet ta' inqas minn 300 kg ta' lingwata f'piż ħaj fis-sena matul it-tliet snin preċedenti, skont ir-reġistri tas-sajd tagħhom, għandhom ikun eżentati mill-applikazzjoni ta' dan l-Anness dment li:

(a) bastimenti bħal dawn jaqbdu inqas minn 300 kg f'piż ħaj ta' lingwata matul il-perijodu ta' ġestjoni tal-2012;

(b) bastimenti bħal dawn ma jittrasbordaw l-ebda ħut lejn bastiment ieħor meta jkunu fuq il-baħar; u

(c) sal-31 ta' Lulju 2012 u l-31 ta' Jannar 2013, kull Stat Membru kkonċernat jagħmel rapport lill-Kummissjoni dwar ir-rekords tal-qbid ta' lingwata minn dawn il-bastimenti fit-tliet snin preċedenti kif ukoll tal-qbid ta' lingwata fl-2012.

Meta kwalunkwe waħda minn dawn il-kondizzjonijiet ma tintlaħaqx, il-bastimenti kkonċernati m'għandhomx ikomplu jiġu eżentati mill-applikazzjoni ta' dan l-Anness, b'effett immedjat.".

ANNESS II

L-Annessi I, IA, IB, IC, IJ u VI għar-Regolament (UE) Nru 44/2012 huma emendati kif ġej:

1. L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) l-entrata li ġejja tiddaħħal fl-ewwel tabella (tabella li tqabbel l-ismijiet bil-Latin mal-ismijiet komuni) wara l-entrata tal-*Mallotus villosus*:

"*Manta birostris*	RMB	Manta ġiganta";

(b) l-entrata li ġejja tiddaħħal fit-tieni tabella (li tqabbel l-ismijiet komuni mal-ismijiet bil-Latin) wara l-entrata tal-barbun:

"Manta ġiganta	RMB	*Manta birostris*".

2. l-Anness IA huwa emendat kif ġej:

(a) L-entrata taċ-ċiċċirell u l-qabdiet inċidentali assoċjati fl-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa, IIIa u IV tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Ċiċċirell u qabdiet inċidentali assoċjati *Ammodytes* spp.	**Żona:**	Ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa, IIIa u IV [1] (SAN/2A3A4.)
Danimarka	34 072 [2]		
Renju Unit	745 [2]		
Ġermanja	52 [2]		
Svezja	1 251 [2]		
Unjoni	36 120		
Norveġja	2 300		
TAC	38 420	TAC analitika	

[1] Bl-esklużjoni tal-ilmijiet sa sitt mili nawtiċi mil-linji bażi tar-Renju Unit f'Shetland, Fair Isle u Foula.
[2] Tal-inqas 98 % tal-iżbark li jingħadd mat-TAC għandu jkun ċiċċirell. Qabdiet inċidentali ta' dab, kavalli u merlangu għandhom jingħaddu bħala parti mit-2 % tat-TAC li jkun fadal.

Kondizzjoni speċjali:

Fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet imniżżla hawn taħt miż-żoni ta' ġestjoni taċ-ċiċċirell li ġejjin, kif iddefiniti fl-Anness IIB:

Żona:	Żoni ta' ġestjoni taċ-ċiċċirell fl-ilmijiet tal-UE [1]						
	1	2	3	4	5	6	7
	(SAN/*234_1)	(SAN/*234_2)	(SAN/*234_3)	(SAN/*234_4)	(SAN/*234_5)	(SAN/*234_6)	(SAN/*234_7)
Danimarka	19 526	4 717	4 717	4 717	0	395	0
Renju Unit	427	103	103	103	0	9	0
Ġermanja	30	7	7	7	0	1	0
Svezja	717	173	173	173	0	15	0
Unjoni	20 700	5 000	5 000	5 000	0	420	0
Norveġja	2 300	0	0	0	0	0	0
Total	23 000	5 000	5 000	5 000	0	420	0

[1] Jistgħu jiġu riveduti skont l-Artikolu 5(4) ta' dan ir-Regolament.";

(b) l-entrata tal-aringi fl-ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali taż-żoni Vb, VIb u VIaN tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Aringa *Clupea harengus*	**Żona:**	Ilmijiet tal-UE u ilmijiet internazzjonali taż-żoni Vb, VIb u VIaN (1) (HER/5B6ANB)
Ġermanja	2 560		
Franza	484		
Irlanda	3 459		
Pajjiżi l-Baxxi	2 560		
Renju Unit	13 837		
Unjoni	22 900		
TAC	22 900	TAC analitika	

(1) Ir-referenza hija għall-istokk ta' aringi fiż-żona VIa, fit-Tramuntana ta' 56° 00' N u f'dik il-parti taż-żona VIa li qiegħda fil-Lvant ta' 07° 00' W u fit-Tramuntana ta' 55° 00' N, bl-esklużjoni tal-Clyde.";

(c) l-entrata tal-istokkafixx fl-ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali taż-żoni I, II, III, IV, V, VI, VII, VIIIa, VIIIb, VIIId, VIIIe, XII u XIV tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Stokkafixx *Micromesistius poutassou*	**Żona:**	Ilmijiet tal-UE u ilmijiet internazzjonali taż-żoni I, II, III, IV, V, VI, VII, VIIIa, VIIIb, VIIId, VIIIe, XII u XIV (WHB/1X14)
Danimarka	10 370 (1)		
Ġermanja	4 032 (1)		
Spanja	8 791 (1) (2)		
Franza	7 217 (1)		
Irlanda	8 030 (1)		
Pajjiżi l-Baxxi	12 645 (1)		
Portugall	817 (1) (2)		
Svezja	2 565 (1)		
Renju Unit	13 454 (1)		
Unjoni	67 921 (1)		
Norveġja	30 000		
TAC	391 000	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. Japplika l-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament.	

(1) Kondizzjoni speċjali: li minnhom sa 68 % jistgħu jinqabdu fiż-Żona Ekonomika tan-Norveġja jew fiż-żona tas-sajd ta' madwar Jan Mayen (WHB/*NZJM1).

(2) Jistgħu jsiru trasferimenti ta' din il-kwota għaż-żoni VIIIc, IX u X; l-ilmijiet tal-UE tas-CECAF 34.1.1. Madankollu, trasferimenti bħal dawn għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni minn qabel.";

(d) l-entrata tal-linarda fl-ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali taż-żoni Vb, VI u VII tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Linarda *Molva dypterygia*	**Żona:**	Ilmijiet tal-UE u ilmijiet internazzjonali taż-żoni Vb, VI, VII (BLI/5BX67-) (3)
Ġermanja	20		
Estonja	3		
Spanja	62		
Franza	1 423		
Irlanda	5		
Litwanja	1		
Polonja	1		
Renju Unit	362		
Oħrajn	5 (1)		
Unjoni	1 882		
Norveġja	150 (2)		
TAC	2 032	TAC analitika Japplika l-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament.	

(1) Esklużivament għall-qabdiet inċidentali. L-ebda sajd dirett mhuwa permess taħt din il-kwota.
(2) Għandhom jinqabdu fl-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa, IV, Vb, VI u VII (BLI/*24X7C).
(3) Japplikaw regoli speċjali skont l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1288/2009 (1) u l-punt 7 tal-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 43/2009 (2).
(1) OJ L 347, 24.12.2009, p. 6.
(2) OJ L 22, 26.1.2009, p. 1.";

(e) l-entrata tal-lipp fl-ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali taż-żoni VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Lipp *Molva molva*	**Żona:**	Ilmijiet tal-UE u ilmijiet internazzjonali taż-żoni VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV (LIN/6X14.)
Belġju	30		
Danimarka	5		
Ġermanja	109		
Spanja	2 211		
Franza	2 357		
Irlanda	591		
Portugall	5		
Renju Unit	2 716		
Unjoni	8 024		
Norveġja	6 140 (1) (2)		
TAC	14 164	TAC analitika Japplika l-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament.	

(1) Kondizzjoni speċjali: li minnhom huwa awtorizzat qbid inċidentali ta' speċi oħra ta' 25 % għal kull bastiment, fi kwalunkwe waqt, fiż-żoni Vb, VI u VII. Madankollu, dan il-perċentwali jista' jinqabeż fl-ewwel 24 siegħa wara l-bidu tas-sajd f'xi żona speċifika. Il-qbid inċidentali totali ta' speċi oħra fiż-żoni VI u VII ma għandux jaqbeż 3 000 tunnellata.
(2) Inkluż it-tusk. Il-kwoti għan-Norveġja huma: 6 140 tunnellata lipp u 2 923 tunnellata tusk, u jistgħu jitparttu sa 2 000 tunnellata u jistgħu jinqabdu biss bil-konzijiet fiż-żoni Vb, VI u VII.";

(f) l-entrata tal-kavalli fiż-żoni IIIa u IV; l-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa, IIIb, IIIc, u d-diviżjonijiet sekondarji 22-32 tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Kavalli *Scomber scombrus*	**Żona:**	IIIa u IV; ilmijiet tal-UE taż-żoni IIA, IIIb, IIIc u d-Diviżjoni Sekondarja 22-32 (MAC/2A34.)
Belġju	512 (3)		
Danimarka	17 580 (3)		
Ġermanja	534 (3)		
Franza	1 612 (3)		
Pajjiżi l-Baxxi	1 623 (3)		
Svezja	4 813 (1) (2) (3)		
Renju Unit	1 503 (3)		
Unjoni	28 177 (1) (3)		
In-Norveġja	167 197 (4)		
TAC	Mhux rilevanti	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. Japplika l-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament.	

(1) Kondizzjoni speċjali: Inklużi 242 tunnellata li għandhom jinqabdu f'ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62° N (MAC/*04N-).
(2) Waqt sajd fl-ilmijiet Norveġiżi, qabdiet inċidentali ta' merluzz (COD/*2134.), haddock (HAD/*2134.), pollakkju (POL/*2134.) u merlangu (WHG/*2134.) u pollakju (saithe) (POK/*2134.) għandhom jingħaddu mal-kwoti għal dawn l-ispeċi.
(3) Jistgħu jinqabdu wkoll fl-ilmijiet Norveġiżi taż-żona IVa (MAC/*4AN.).
(4) Għandhom jitnaqqsu mis-sehem tat-TAC tan-Norveġja (kwota ta' aċċess). Dan l-ammont jinkludi s-sehem Norveġiż fit-TAC tal-Baħar tat-Tramuntana tal-ammont ta' 46 685 tunnellata. Din il-kwota tista' tinqabad fiż-żona IVa biss (MAC/*04A.), minbarra 3 000 tunnellata li jistgħu jinqabdu fiż-żona IIIa (MAC/*03A.).

Kondizzjoni speċjali:

Fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet imniżżla hawn taħt fiż-żoni li ġejjin.

	IIIa (MAC/*03A.)	IIIa u IVbc (MAC/*3A4BC)	IVb (MAC/*04B.)	IVc (MAC/*04C.)	VI, ilmijiet internazzjonali taż-żona IIa, mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2012 u f'Diċembru 2012 (MAC/*2A6.)
Danimarka	0	4 130	0	0	9 482
Franza	0	490	0	0	0
Pajjiżi l-Baxxi	0	490	0	0	0
Svezja	0	0	390	10	1 829
Renju Unit	0	490	0	0	0
Norveġja	3 000	0	0	0	0";

(g) l-entrata tal-kavalli fiż-żoni VI, VII, VIIIa, VIIIb, VIIId u VIIIe; l-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żona Vb; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni IIa, XII u XIV tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Kavalli *Scomber scombrus*	**Żona:**	VI, VII, VIIIa, VIIIb, VIIId u VIIIe; ilmijiet tal-UE u ilmijiet internazzjonali taż-żona Vb; ilmijiet internazzjonali taż-żoni IIa, XII u XIV (MAC/2CX14-)
Ġermanja	20 427		
Spanja	22		
Estonja	170		
Franza	13 619		
Irlanda	68 089		
Latvja	126		
Litwanja	126		
Pajjiżi l-Baxxi	29 788		
Polonja	1 438		
Renju Unit	187 248		
Unjoni	321 053		
Norveġja	13 898 [1] [2]		
TAC	Mhux rilevanti	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. Japplika l-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament.	

[1] Jistgħu jinqabdu fiż-żoni IIa, VIa fit-Tramuntana ta' 56° 30′ N, IVa, VIId, VIIe, VIIf u VIIh (MAC/*AX7H).
[2] Jistgħu jinqabdu 33 437 tunnellata addizzjonali ta' kwota ta' aċċess min-Norveġja fit-Tramuntana ta' 56° 30' N u jingħaddu mal-limiti ta' qbid tagħha (MAC/*N6530).

Kondizzjoni speċjali:

Fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet imniżżla hawn taħt fiż-żoni li ġejjin u l-perijodi mniżżlin hawn taħt.

	Ilmijiet tal-UE u ilmijiet Norveġiżi taż-żona IVa (MAC/*04A-EN) Matul il-perijodi mill-1 ta' Jannar sal-15 ta' Frar 2012 u mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Diċembru 2012	Ilmijiet Norveġiżi taż-żona IIa (MAC/*2AN-)
Ġermanja	8 219	837
Franza	5 479	557
Irlanda	27 396	2 790
Pajjiżi l-Baxxi	11 985	1 220
Renju Unit	75 342	7 672
Unjoni	128 421	13 076";

(h) l-entrata tal-kavalli fiż-żoni VIIIc, IX u X; L-ilmijiet tal-UE ta' CECAF 34.1.1 tinbidel b'li ġej:

"**Speċi:**	Kavalli *Scomber scombrus*	**Żona:**	VIIIc, IX u X; ilmijiet tal-UE ta' CECAF 34.1.1 (MAC/8C3411)
Spanja	30 278 (1)		
Franza	201 (1)		
Portugall	6 258 (1)		
Unjoni	36 737		
TAC	Mhux rilevanti	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. Japplika l-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament.	

(1) Kondizzjoni speċjali: il-kwantitajiet soġġetti għal skambji ma' Stati Membri oħra jistgħu jinqabdu fiż-żoni VIIIa, VIIIb u VIIId (MAC/*8ABD). Madankollu, il-kwantitajiet ipprovduti minn Spanja, il-Portugall jew Franza għall-finijiet ta' skambji u li għandhom jinqabdu fiż-żoni VIIIa, VIIIb u VIIId ma għandhomx jaqbżu 25 % tal-kwoti tal-Istat Membru donatur.

Kondizzjoni speċjali:

Fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet imniżżla hawn taħt fiż-żoni li ġejjin.

	VIIIb (MAC/*08B.)
Spanja	2 543
Franza	17
Portugall	526";

(i) l-entrata tal-kavalli fl-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni IIa u IVa tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Kavalli *Scomber scombrus*	**Żona:**	Ilmijiet Norveġiżi taż-żoni IIa u IVa (MAC/2A4A-N.)
Danimarka	12 608 (1)		
Unjoni	12 608 (1)		
TAC	Mhux rilevanti	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. Japplika l-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament.	

(1) Il-qabdiet maqbudin fiż-żona IIa (MAC/*02A.) u fiż-żona IVa (MAC/*04A) għandhom jiġu rapportati separatament.";

(j) l-entrata tal-laċċa kaħla u l-qabdiet inċidentali assoċjati fl-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa u IV tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Laċċa kaħla u qabdiet inċidentali assoċjati *Sprattus sprattus*	**Żona:**	Ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa u IV (SPR/2AC4-C)
Belġju	1 737 (4)		
Danimarka	137 489 (4)		
Ġermanja	1 737 (4)		
Franza	1 737 (4)		
Pajjiżi l-Baxxi	1 737 (4)		
Svezja	1 330 (1) (4)		
Renju Unit	5 733 (4)		
Unjoni	151 500		
Norveġja	10 000 (2)		
TAC	161 500 (3)		TAC ta' prekawzjoni

(1) Inkluż iċ-ċiċċirell.
(2) Jistgħu jinqabdu biss fl-ilmijiet tal-UE taż-żona IV (SPR/*04-C.).
(3) Tista' tiġi riveduta skont l-Artikolu 5(4) ta' dan ir-Regolament.
(4) Tal-inqas 98 % tal-iżbark li jingħadd mat-TAC għandu jkun ta' laċċa kaħla. Il-qabdiet inċidentali ta' dab u merlangu għandhom jingħaddu mal-2 % li jibqa' tat-TAC (OTH/*2AC4C).";

(k) l-entrata tas-sawrell u l-qabdiet inċidentali assoċjati fl-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa, IVa; VI, VIIa-c,VIIe-k, VIIIa, VIIIb, VIIId u VIIIe; l-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żona Vb; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni XII u XIV tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Sawrell u qabdiet inċidentali assoċjati *Trachurus* spp.	**Żona:**	Ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa, IVa; VI, VIIa-c,VIIe-k, VIIIa, VIIIb, VIIId u VIIIe; ilmijiet tal-UE u ilmijiet internazzjonali taż-żona Vb; ilmijiet internazzjonali taż-żoni XII u XIV (JAX/2A-14)
Danimarka	15 702 (1) (3)		
Ġermanja	12 251 (1) (2) (3)		
Spanja	16 711 (3)		
Franza	6 306 (1) (2) (3)		
Irlanda	40 803 (1) (3)		
Pajjiżi l-Baxxi	49 156 (1) (2) (3)		
Portugall	1 610 (3)		
Svezja	675 (1) (3)		
Renju Unit	14 775 (1) (2) (3)		
Unjoni	157 989		
TAC	157 989		TAC analitika

(1) Kondizzjoni speċjali: sa 5 % ta' din il-kwota li tinqabad fl-ilmijiet tal-UE taż-żona IIa jew IVa qabel it-30 ta' Ġunju 2012 tista' titqies bħala li nqabdet mal-kwota li tikkonċerna l-ilmijiet tal-UE taż-żoni IVb, IVc u VIId. Madankollu, l-użu ta' din il-kondizzjoni speċjali jrid jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni minn qabel (JAX/*4BC7D).
(2) Kondizzjoni speċjali: sa 5 % ta' din il-kwota tista' tinqabad fiż-żona VIId. Madankollu, l-użu ta' din il-kondizzjoni speċjali jrid jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni minn qabel (JAX/*07D.).
(3) Tal-inqas 95 % tal-iżbark li jingħadd mat-TAC irid ikun sawrell. Il-qabdiet inċidentali ta' minfaħ, haddock, merlangu u kavalli għandhom jitqiesu mal-5 % li jibqa' tat-TAC (OTH/*2A-14).".

3. L-Anness IB huwa emendat kif ġej:

(a) lL-entrata tal-merluzz u l-haddock fl-ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe taż-żona VB tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Merluzz u haddock *Gadus morhua* u *Melanogrammus aeglefinus*	**Żona:**	Ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe taż-żona Vb (C/H/05B-F.)
Ġermanja	0		
Franza	0		
Renju Unit	0		
Unjoni	0		
TAC	Mhux rilevanti";	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	

(b) l-entrata tal-istokkafixx fl-ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Stokkafixx *Micromesistius poutassou*	**Żona:**	Ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe (WHB/2A4AXF)
Danimarka	0		
Ġermanja	0		
Franza	0		
Pajjiżi l-Baxxi	0		
Renju Unit	0		
Unjoni	0		
TAC	0 [1]	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	

[1] It-TAC tiġi stabbilita skont il-konsultazzjonijiet bejn l-Unjoni, il-Gżejjer Faroe, in-Norveġja u l-Islanda.";

(c) l-entrata tal-lipp u l-linarda fl-ilmijiet tal-Gżejjer Faroe taż-żona Vb tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Lipp u linarda *Molva molva* u *Molva dypterygia*	**Żona:**	Ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe taż-żona Vb (B/L/05B-F.)
Ġermanja	0		
Franza	0		
Renju Unit	0		
Unjoni	0		
TAC	Mhux rilevanti";	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	

(d) l-entrata tal-gamblu tat-Tramuntana fl-ilmijiet tal-Groenlandja taż-żoni V u XIV tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Gamblu tat-Tramuntana *Pandalus borealis*	**Żona:**	ilmijiet tal-Groenlandja taż-żoni V u XIV (PRA/514GRN)
Danimarka	2 550		
Franza	2 550		
Unjoni	8 000 (1)		
TAC	Mhux rilevanti		TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.

(1) li minnhom 2 900 tunnellata huma allokati lin-Norveġja.";

(e) l-entrata tal-pollakkju (saithe) fl-ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe taż-żona Vb tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Pollakkju (saithe) *Pollachius virens*	**Żona:**	Ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe taż-żona Vb (POK/05B-F.)
Belġju	0		
Ġermanja	0		
Franza	0		
Pajjiżi l-Baxxi	0		
Renju Unit	0		
Unjoni	0		
TAC	Mhux rilevanti";		TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.

(f) l-entrata tar-redfish fl-ilmijiet tal-Islanda taż-żona Va tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Redfish *Sebastes* spp.	**Żona:**	Ilmijiet tal-Islanda taż-żona Va (RED/05A-IS)
Belġju	0 (1) (2)		
Ġermanja	0 (1) (2)		
Franza	0 (1) (2)		
Renju Unit	0 (1) (2)		
Unjoni	0 (1) (2)		
TAC	Mhux rilevanti		TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.

(1) Inklużi l-qabdiet inċidentali inevitabbli (merluzz mhux permess).
(2) Jistgħu jinqabdu biss bejn Lulju u Diċembru 2012.";

(g) l-entrata tar-redfish fl-ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe taż-żona Vb tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Redfish *Sebastes* spp.	**Żona:**	Ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe taż-żona Vb (RED/05B-F.)
Belġju	0		
Ġermanja	0		
Franza	0		
Renju Unit	0		
Unjoni	0		
TAC	Mhux rilevanti";		TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.

(h) l-entrata ta' speċi oħra fl-ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe taż-żona Vb tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Speċi oħra [1]	**Żona:**	Ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe taż-żona Vb (OTH/05B-F.)
Ġermanja	0		
Franza	0		
Renju Unit	0		
Unjoni	0		
TAC	Mhux rilevanti		TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.

[1] Bl-esklużjoni ta' speċi ta' ħut bla ebda valur kummerċjali.";

(i) l-entrata tal-ħut ċatt fl-ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe taż-żona Vb tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Ħut ċatt	**Żona:**	Ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe taż-żona Vb (FLX/05B-F.)
Ġermanja	0		
Franza	0		
Renju Unit	0		
Unjoni	0		
TAC	Mhux rilevanti".		TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.

4. L-Anness IC huwa emendat kif ġej:

(a) l-entrata tal-merluzz fiż-żona 3M tan-NAFO tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Merluzz *Gadus morhua*	**Żona:**	3M tan-NAFO (COD/N3M.)
Estonja	103		
Ġermanja	432		
Latvja	103		
Litwanja	103		
Polonja	352 (1)		
Spanja	1 328		
Franza	185		
Portugall	1 821 (2)		
Renju Unit	865		
Unjoni	5 330,5 (3)		
TAC	9 280		

(1) Minn din il-kwota, titnaqqas il-kwantità ta' 133 tunnellata wara t-trasferiment ta' opportunità tas-sajd għal pajjiż terz.
(2) Ma' din il-kwota tiżdied kwantità addizzjonali ta' 131,5 tunnellata wara t-trasferimenti ta' opportunitajiet tas-sajd ma' pajjiżi terzi.
(3) Minn din il-kwota, titnaqqas il-kwantità ta' 1,5 tunnellata wara t-trasferiment ta' opportunità tas-sajd ma' pajjiżi terzi.";

(b) l-entrata tal-marlozz abjad fiż-żona 3M tan-NAFO tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Marlozz abjad *Urophycis tenuis*	**Żona:**	3NO tan-NAFO (HKW/N3NO.)
Spanja	1 273		
Portugall	1 667		
Unjoni	2 940		
TAC	5 000";	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	

(c) l-entrata tal-gamblu tat-Tramuntana fiż-żona 3L tan-NAFO tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Gamblu tat-Tramuntana *Pandalus borealis*	**Żona:**	3L tan-NAFO (1) (PRA/N3L.)
Estonja	134		
Latvja	134		
Litwanja	134		
Polonja	134 (2)		
Spanja	105,5		
Portugall	28,5 (3)		
Unjoni	670 (4)		
TAC	12 000	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	

(1) Mhux inkluża ż-żona kwadra kkonfinita mill-koordinati li ġejjin:

Punt Nru	Latitudni N	Lonġitudni W
1	47° 20′ 0	46° 40′ 0
2	47° 20′ 0	46° 30′ 0
3	46° 00′ 0	46° 30′ 0
4	46° 00′ 0	46° 40′ 0

(2) Ma' din il-kwota tiżdied kwantità addizzjonali ta' 266 tunnellata wara t-trasferimenti ta' opportunitajiet tas-sajd minn pajjiż terz.
(3) Ma' din il-kwota tiżdied kwantità addizzjonali ta' 133 tunnellata wara t-trasferimenti ta' opportunitajiet tas-sajd minn pajjiż terz.
(4) Ma' din il-kwota tiżdied kwantità addizzjonali ta' 399 tunnellata wara t-trasferimenti ta' opportunitajiet tas-sajd minn pajjiżi terzi.";

(d) l-entrata tal-ħalibatt tal-Groenlandja fiż-żona 3LMNO tan-NAFO tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Ħalibatt tal-Groenlandja *Reinhardtius hippoglossoides*	**Żona:**	NAFO 3LMNO (GHL/N3LMNO)
Estonja	328		
Ġermanja	335		
Latvja	46		
Litwanja	23		
Spanja	4 486		
Portugall	1 875 (1)		
Unjoni	7 093 (2)		
TAC	12 098	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	

(1) Ma' din il-kwota tiżdied kwantità addizzjonali ta' 10 tunnellati wara t-trasferimenti ta' opportunitajiet tas-sajd minn pajjiż terz.
(2) Ma' din il-kwota tiżdied kwantità addizzjonali ta' 10 tunnellati wara t-trasferiment ta' opportunitajiet tas-sajd minn pajjiż terz.";

(e) l-entrata tar-redfish fiż-żona 3LN tan-NAFO tinbidel b'dan li ġej

"**Speċi:** Redfish *Sebastes* spp.	**Żona:** 3LN tan-NAFO (RED/N3LN.)
Estonja	297
Ġermanja	203
Latvja	297
Litwanja	297
Portugall	0 (1)
Unjoni	1 094 (2)
TAC	6 000

(1) Ma' din il-kwota tiżdied kwantità addizzjonali ta' 454 tunnellati wara t-trasferiment ta' opportunitajiet tas-sajd minn pajjiż terz.
(2) Ma' din il-kwota tiżdied kwantità addizzjonali ta' 454 tunnellati wara t-trasferiment ta' opportunitajiet tas-sajd minn pajjiż terz.";

(f) l-entrata tar-redfish fiż-żona 3M tan-NAFO tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:** Redfish *Sebastes* spp.	**Żona:** Iż-żona 3M tan-NAFO (RED/N3M.)	
Estonja	1 571 (1)	
Ġermanja	513 (1)	
Spanja	233 (1)	
Latvja	1 571 (1)	
Litwanja	1 571 (1)	
Portugall	2 354 (1) (2)	
Unjoni	7 813 (1) (3)	
TAC	6 500 (1)	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.

(1) Din il-kwota hija soġġetta għal konformità mat-TAC ta' 6 500 tunnellata stabbiliti għal dan l-istokk għall-Partijiet Kontraenti kollha tan-NAFO. Malli tiġi eżawrita t-TAC, is-sajd dirett għal dan l-istokk għandu jitwaqqaf irrispettivament mil-livell tal-qabdiet.
(2) Ma' din il-kwota tiżdied kwantità addizzjonali ta' 675 tunnellati wara t-trasferiment ta' opportunitajiet tas-sajd minn pajjiż terz.
(3) Ma' din il-kwota tiżdied kwantità addizzjonali ta' 675 tunnellati wara t-trasferiment ta' opportunitajiet tas-sajd minn pajjiż terz.";

(g) l-entrata tar-redfish fiż-żona 3O tan-NAFO tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Redfish *Sebastes* spp.	**Żona:**	3O tan-NAFO (RED/N3O.)
Spanja	1 771		
Portugall	5 229		
Polonja	0 (1)		
Unjoni	7 000 (2)		
TAC	20 000	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	

(1) Ma' din il-kwota tiżdied kwantità addizzjonali ta' 150 tunnellata wara t-trasferiment ta' opportunitajiet tas-sajd minn pajjiż terz.
(2) Ma' din il-kwota tiżdied kwantità addizzjonali ta' 150 tunnellata wara t-trasferiment ta' opportunitajiet tas-sajd minn pajjiż terz.".

5. L-Anness IJ huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*ANNESS IJ*

ŻONA TAL-KONVENZJONI TAL-SPRFMO

Speċi:	Sawrell (jack mackerel) *Trachurus murphyi*	**Żona:**	Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO (CJM/SPRFMO)
Ġermanja	6 790,5		
Pajjiżi l-Baxxi	7 360,2		
Litwanja	4 725		
Polonja	8 124,3		
Unjoni	27 000".		

6. Fl-Anness IV, il-punt 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Għadd massimu ta' bastimenti tal-UE awtorizzati biex jistadu għall-pixxispad u l-alonga fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-IOTC:

ANNESS VI

ŻONA TAL-KONVENZJONI TAL-IOTC

1. Għadd massimu ta' bastimenti tal-UE awtorizzati biex jistadu għat-tonnijiet tropikali fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-IOTC

Stat Membru	Għadd massimu ta' bastimenti	Kapaċità (tunnellaġġ gross)
Spanja	22	61 364
Franza	22	33 604
Portugall	5	1 627
Unjoni	49	96 595

2. Għadd massimu ta' bastimenti tal-UE awtorizzati biex jistadu għall-pixxispad u l-alonga fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-IOTC

Stat Membru	Għadd massimu ta' bastimenti	Kapaċità (tunnellaġġ gross)
Spanja	27	11 590
Franza	41	5 382
Portugall	15	6 925
Renju Unit	4	1 400
Unjoni	87	25 297

3. Il-bastimenti msemmijin fil-punt 1 għandhom ukoll jiġu awtorizzati jistadu għall-pixxispad u l-alonga fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-IOTC.

4. Il-bastimenti msemmijin fil-punt 2 għandhom ukoll jiġu awtorizzati jistadu għat-tonnijiet tropikali fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-IOTC.".